MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pio Pisani)**

**vs**

**David Schembri ta' 47 sena bin**
**Carmel u Helen xebba Holland**
**imwieled Mosta nhar 8/12/195**
**joqghod Numru 47, Arkadia, Triq**
**il-Wizna, Swieqi, detentur**
**tal-karta ta' l-identita' bin-numru 20954 (M)**

**Mario Schembri ta' 41 sena, bin**
**Carmelo u Helen xebba Holland**
**Imwieled Victoria nhar 27/09/1960,**
**U joqghod 'Belliegha', Triq il-**
**Pedidalwett, (Madliena) Swieqi,**
**Detentur tal-karta ta' l-identita'**
**Bin-numru 5456 (G)**

**Robert Schembri ta' 49 sena bin Carmelo u Helen xebba Holland Imwieled Sliema nhar 29/12/1951 U joqghod Nru. 83, 'Ghalenija', Triq il-Moletta, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 197652 (M)**

**Robert Pace ta' 45 sena bin Alfred Peter u Laura xebba Calleja Gera imwieled Sliema nhar 06/09/1956 u joqghod 11, Tower Park Aparts, L. Graham Street, Sliema detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 588856 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija David Schembri, Mario Schembri, Robert Schembri u Robert Pace li gew akkuzati talli f'dawn l-gzejjer, u cioe fil-Gnien ta' l-Gharusa tal-Mosta, Mosta nhar il-15 ta' Lulju, 2001 ghall-habta ta' l-10.00 p.m. volontarjament hassru, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe vettura Nru. KSQ -130 Tata Sumo, propjeta' ta' John Azzopardi li joqghod Nru. 10, 'The White House' sitwata f'Our Lady of Sorrows Street, San Pawl il-Bahar, liema hsara tammonta ghal Lm 180 u dan kif iccertifika John Aquilina ta' RMF Ltd. Pieta' (Art 325 (b).

Il-Qorti hija mitluba, li tordna lil David Schembri, Mario Schembri, Robert Schembri u Robert Paul Pace ihallsu dawn id-danni u dan skond l-artikoli 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti hija wkoll mitluba, meta jidhrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' John Azzopardi, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghal dan ir-reat, torbot lil David Schembri, Mario Schembri, Robert Schembri u Robert Paul Pace li jgibu plegg tajjeb, u l-Qorti tista' tordna wkoll li dak l-obbligu bil-pleggerija, jew minghajrha jibqa' ghal zmien mhux stabbilit, jigifieri sakemm il-Qorti jidhrilha li jkun hemm raguni tajba l-ghaliex dak l-obbligu (Art 384 tal-Kap 9).

John Azzopardi fix-xhieda tieghu jindika bhala l-persuni li kkagunaw il-hsara fil-vettura tieghu lil Mario u lil David, ahwa Schembri. Jghid fil-fatt li hu ra lil dawn it-tnejn imsemmija jersqu lejn il-karozza tieghu u jkissru l-windscreen. Dan seta' jaghmlu ghax nonostante li kien mohbi (ghax beza' mill-erba' akkuzati) huma kellhom il-karozza taghhom mixghula bil-brights ghal fuq il-karozza tieghu. Zied jghid ukoll li dak il-hin Robert Pace kien qed jigbed bil-video camera. Azzopardi anke qal li hu ra lill-imsemmija David u Marco Schembri jaghtu mal-karozza b'xi gebla jew b'xihaga ohra li gabru mill-art u b'hekk kissru l-windscreen.

Dwar il-hsara li sofra fil-vettura giet esebita receipt mahruga mill-RMF dok JM, din il-hsara ammontat ghas-somma ta' mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm 128.44).

Dwar din il-hsara Rosanne Schembri in succint xehdet li hi a kontrarju ta' Azzopardi l-incident ma ratux pero' semghet hi u tielgha mir-rampa, "hissing sounds" u anke erba' thumps. Iddeskriviet dawn it-thumps bhala daqqa u tieqaf, daqqa fux xihaga soda. Qalet li wara li semghet it-thumps kif daret to the left, cioe lejn il-karozzi, rat lil Mario jigi jigri minn hdejn il-vettura ta' John.

Mhux kontestat mill-akkuzati ili huma fil-fatt kienu fil-hin u d-data ndikata fil-gnien ta’ l-Gharusa tal-Mosta. Lanqas hu kkuntestat minnhom li huma ghamlu dan biex jaghmlu l-ghassa lil Roseanne Schembri, mart Robert Schembri l-akkuzat, fuq min kellhom suspetti ta’ relazzjoni extra matrimonjali.

Tista’ tghid li l-erba’ akkuzati qablu fuq dak li gara meta huma kienu flimkien hdejn il-gnien. Anke hemm qbil ma’ dak li qal l-istess kwerelant u Roseanne Schembri li qabel huma ma nizlu fil-gnien giet karozza u tefghet il-bright fuqhom l-istess karozza li fiha kien hemm David Schembri u Mario Schembri u dan skond ix-xhieda ta’ dawn l-ahhar.

Hemm anke qbil fuq il-fatt li l-erba’ rgiel, l-akkuzati, bdew jinstigaw lil Roseanne titla’ mill-gnien u li kif din telqet bil-vettura taghha, huma u l-kwerelant ma ltaqghux, cioe ma kien hemm ebda konfront bejniethom.

Ma tistax din il-Qorti ma tasalx biex temmen lil Azzopardi fit-tezi tieghu in kwantu ghalkemm mhux accettabli pero’ hija li ragel li jsib lil martu fis-sitwazzjoni li ddettat daqshekk suspett johodha bi kbira. Fi kliem l-istess akkuzati huma nzertaw familja maqghuda allura donnhom jerfghu anke l-inkwiet ta’ xulxin, wirja ta’ dan li kienu erbgha li marru fuq il-post in kwistjoni. Fil-fatt Azzopardi kien pjuttost kategoriku u indika b’mod car min ghamillu l-hsara fil-vettura minn fejn kien mistohbi, min-naha l-ohra pero’ huwa stramb li Rosanne Schembri ghalkemm gia bdiet tielgha r-rampa semghet pero’ ma ratx l-azzjoni tat-tkissir u oltre hekk rat biss lil Mario Schembri gej minn fejn id-direzzjoni tal-vettura ta’ Azzopardi.

Tenut dan kollu espost f’dak li huma fatti biex il-Qorti tivvaluta u tasal ghal dik il-verita’, ma tistax ma tikkonsidrax ukoll li fl-20 ta’ Settembru, 2003 il-parte civile allura l-kwerelant John Azzopardi pprezenta nota li biha talab, stante li kien qed jirtira l-kwerela tieghu, li jitwaqqfu l-proceduri istitwiti kontra l-akkuzati b’effett immedjat.

Tigbed l-attenzjoni tal-kwerelant li non spetta lilu jimponi waqfien b’effett immedjat oltre ghall-fatt li minhabba l-

ammont tal-hsara kkagunata cioe dik ta' Lm 128.44 din l-azzoni mhix wahda rinunzjabbli vide l-artikolu 325(d) tal-Kap 9. Pero' xorta l-Qorti tinsab ftit perplessa anke bid-dicitura ta' l-istess nota, dan anke meta tqis fatturi ohra, l-fatt li l-akkuzati l-erbgha li huma kategorikament cahdu dawn l-akkuzi.

Ghaldaqstnat thoss li ghar-ragunijiet premessi dawn l-akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati u ghaldaqstant qeghda tilliberahom mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------